A.L. 242 ta' l-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' l-2010 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika tal-Libanu)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2010 li jemenda l-ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika tal-Libanu), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika tal-Libanu), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". A.L. 119 ta' l-2000.

Emendi jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat -

(a) illi l-emendi għall-ordni prinċipali speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni saru mal-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fit-23 ta' Marzu, 2010.

SKEDA

PROTOKOLL
LI JEMENDA L-FTEHIM BEJN
MALTA U R-REPUBBLIKA TAL-LIBANU
GĦALL-EVITAR TA' TAXXA DOPPJA
U L-PREVENZJONI TA' EVAŻJONI FISKALI
DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*
IFFIRMAT F'BEIRUT FIT-23 TA' FRAR 1999

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu, billi jixtiequ jemendaw il-Ftehim bejn iz-zewġ Gvernijiet għall-evitar ta' taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* iffirmat f'Beirut fit-23 ta' Frar 1999 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), ftehmu kif ġej:

Artikolu 1

Il-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 11 tal-Ftehim qiegħed jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu li ġej:

"1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat l-ieħor."

Artikolu 2

Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 tal-Ftehim, il-kliem "Meta residenti tal-Libanu jikseb *income* minn għejjun ġewwa l-Libanu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Meta residenti tal-Libanu jikseb *income* minn għejjun ġewwa Malta".

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li tiġi l-iktar tard mill-avviżi ta' l-Istati Kontraenti li javżaw lil xulxin li ħarsu l-proċeduri legali domestiċi sabiex jidħol fis-seħħ dan il Protokoll. Sakemm isiru dawn l-avviżi, il-Protokoll għandu jingħata effett proviżorju. Iktar minn hekk, id-dispozizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jiġu interpretati, sa mill-bidu fis-seħħ tal-Ftehim, kif miftiehem bid-dispozizzjonijiet tal-Protokoll.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ oriġinali fis-16 ta' April 2009 fl-ilsien Ingliż u dak Għarbi, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

TONIO BORG	FAWZI SALLOUKH
GĦALL-GVERN TA' MALTA	GĦALL--GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-LIBANU